Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 15/2012

**Philip u Pauline Micallef**

**vs**

**International Sales Direct**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016

Fit-3 ta' Dicembru 2010 ir-rikorrenti pprezentaw avviz ta' talba fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi fejn talbu (i) dikjarazzjoni li l-Kuntratt fuq l-Ghatba tal-Bieb li huma ffirmaw ghax-xiri ta' saqqu minghand l-intimati kien null peress li ma' tali kuntratt l-intimati kienu naqsu li jaghtuhom il-Formola ta' Kancellament kif mehtieg skont l-Artikolu 6 (2) tal-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb (Kap 317 tal-Ligijiet ta' Malta); u (ii) rifuzjoni tas-somma ta' elf u tlett mitt Ewro (Eur1,300) li kienu hallsu ghall-akkwist tal-istess saqqu peress li l-prodott ma kienx tal-kwalita' pattwita u per konsegwenza r-rikorrent Philip Micallef sofra danni fizici. Ir-rikorrenti qalu li f'temp ta' tlett ijiem mill-akkwist huma kienu cemplu lill-intimati, infurmawhom li l-prodott ma kienx tajjeb u li riedu jikkancellaw il-kuntratt. L-intimati ghalkemm interpellati anke permezz ta' ittra baqghu inadempjenti.

L-intimati wiegbu fl-1 ta' Marzu 2011 u eccepew li l-klijenti konjugi Micallef kienu xtraw saqqu minghandhom izda wara li uzawh cemplu lill-kumpanija u qalulhom li xtaqu jirritornawh. Dan gara wara li ghaddew hmisax-il jum "*cooling off period*". L-intimati rrifjutaw li jaccettaw is-saqqu lura. Ir-rikorrenti offrew li jippakjawh huma fil-plastic biex l-intimati jkunu jistghu jergghu ibighuh bhala gdid izda din l-offerta giet rifjutata.

B'decizjoni datata 31 ta' Lulju 2012 l-arbitru ddecieda kif gej:-

*"It-Tribunal wara li sema' l-partijiet, jinnota li r-rikorrenti ma gabux provi konvincenti sabiex iwasslu lit-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi r-rapport sar fi zmien hmistax-il (15) gurnata, u b'hekk jista' jigi kkancellat il-bejgh".* It-talba tar-rikorrenti giet michuda bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Minn din id-decizjoni appellaw ir-rikorrenti u ressqu zewg aggravji, wiehed dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi u l-iehor dwar l-apprezzament tal-provi.

Sussegwentement permezz ta’ rikors datat 20 t’Awissu 2012 huma talbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex itellghu xhud li ma kienx dikjarat quddiem it-Tribunal sabiex jixhed dwar allegati fatti godda li ma kinux a konoxxenza taghhom qabel. L-intimati opponew ghat-talba tar-rikorrenti dwar ix-xhud gdid u rrespingew l-aggravji mressqa fl-appell bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. B’digriet tas-7 ta’ Settembru 2012 il-Qorti cahdet temporanjament it-talba dwar ix-xhud pero’ rrizervat li jekk ikun il-kaz tipprovdi ulterjorment fi stadju ulterjuri. Dan id-digriet ma giex varjat u fis-17 ta’ Marzu 2014 saret trattazzjoni u l-appell gie differit ghas-sentenza. F’kull kaz il-qorti tiddikjara li ma kienx hemm ic-cirkostanzi biex tintlaqa’ t-talba gialadarba l-appellanti ma taw l-ebda raguni valida ghalfejn ix-xhud ma kienx tressaq qudiem it-Tribunal.

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-ewwel aggravju.</u>**

L-appellanti lmentaw li huma qatt ma kellhom l-opportunita’ li jottempraw ruhhom mal-provvedimenti tal-ligi u cioe’ li jimlew u jibaghtu l-Formola ta’ Kancellament fi zmien hmistax -il jum mill-bejgh peress li huma qatt ma kienu nghataw din il-Formola. L-artikolu 6 (2) tal-Kap 317 jipprovdi car u tond li l-ghoti ta’ din il-formola lix-xerrej hija tassattiva u minghajrha l-bejgh huwa null u bla effett. Huma jsostnu ghalhekk li l-Kuntratt fuq l-Ghatba tal-Bieb iffirmat bejn ir-rikorrenti appellanti u l-intimati kellu jitqies mit-Tribunal null *ab initio*.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb kien gie mhassar bl-Att VI tal-2014 izda bis-sahha tal-artikolu 13 (2) tieghu gie stipulat li –

*“.. l-Att dwar Kuntratti fuq l-Għatba tal-Bieb għandu jibqa’ fis-seħħ għall-finijiet ta’ kull proċedura li ġiet meħuda fir-rigward ta’ ksur tal-imsemmi Att fil-perjodu qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-artikolu.”*

Il-proceduri fl-ismijiet premessi gew intavolati fis-sena 2010 u ghalhekk il-provvedimenti ta’ dak l-Att ghadhom jitqiesu applikabbli ghal fattispecje tal-kaz odjern.

L-Artikolu 6 tal-Att jipprovdi hekk:-

*“**6**. (1) Ebda kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb li jsir minn jew permezz ta' bejjiegh bieb b'bieb ma ghandu jkun validu hlief meta dan isir bi skrittura privata li tkun tista' tigi kancellata kif provdut fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.*

*(2) Kopja wahda ta' l-iskrittura privata ghandha tinzamm mill-bejjiegh bieb b'bieb u kopja ohra ghandha tinzamm mill-konsumatur. Ghandha titwahhal ma' l-iskrittura privata li tinzamm mill-· konsumatur formola ta' kancellament.”*

Il-qorti tibda billi tosserva li fl-avviz tat-talba li l-appellanti pprezentaw quddiem it-Tribunal, ma giex kontestat li kienet giet iffirmata skrittura privata. Fil-fatt fl-avviz jissemma n-numru tal-kuntratt. Inoltre, l-ewwel talba hi fiha nnifisha konferma li l-kontendenti ffirmaw skrittura privata. Skrittura li l-atturi ma pprezentawx kopja taghha. Dan qieghed jissemma ghaliex waqt it-trattazzjoni (seduta tas-17 ta' Marzu 2014) id-difensur tal-appellanti argumentat li fl-iskrittura ma kienx jinghad li x-xerrej kellu dritt li jikkancella l-kuntratt, kif titlob il-ligi. Aggravju li ma ssemmiex quddiem it-Tribunal u wisq inqas fir-rikors tal-appell. Ghalhekk m'huwiex rilevanti ghal finijiet ta' dan l-appell.

Il-Qorti m'ghandhiex a dispozizzjoni taghha provi li jikkonfermaw jew jiddiskreditaw l-allegazzjoni tal-appellanti li huma ma kinux inghataw il-Formola ta' Kancellament mal-kuntratt li ffirmaw ghax-xiri tas-saqqu in kwistjoni. Madankollu u rrispettivament minn dan, l-Artikolu 6 in dezamina ma jwassalx ghas-sanzjoni ta' nullita' fic-cirkostanza sollevata mill-appellanti. Il-validita' o meno tal-kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb hija allacjata unikament mal-ezistenza ta' skrittura privata bejn il-partijiet li jkun fiha d-dettalji li jissemmew fl-Artikolu 7. L-intenzjoni tal-legislatur hija ghalhekk li jiggarantixxi, fuq piena ta' nullita', ftehim bil-kitba li jirregola dak maqbul bejn il-partijiet kontraenti.

L-Att jipprovdi espressament:-

i. ghal dak li jrendi l-kuntratt null; u
ii. li kancellament ta' kuntratt m'hemmx ghalfejn li ssir bil-miktub.

Infatti l-artikolu 7 ta' l-Att jelenka *"taht piena ta' nullita"* d-dettalji u l-kriterji li ghandha tissodisfa l-iskrittura privata biex titqies valida skont il-ligi. Dan il-provvediment ma jghidx li l-Formola ta' Kancellament ghandha tinghata fuq piena ta' nullita'.

L-Artikolu 8 jkompli jikkonferma dan l-ispirtu tal-ligi. L-Att originali[1] li bih gie promulgat l-Att dwar il-Kuntratti fuq l-Ghatba tal-Bieb kien ferm aktar rigidu fir-rigward tal-kancellament tal-kuntratt ghax kien jesigi l-uzu ta' Formola appozita kif indikata fl-Iskeda tal-Att –

"....*(2) Kancellament ta' kuntratt maghmul fuq l-ghatba ta' bieb isir bil-kunsinna sew bl-idejn jew permezz ta' ittra registrata fl-indirizz permanenti tal-bejjiegh bieb bieb jew ta' min jimpjegah ta' dikjarazzjoni ta' kancellament iffirmata mill-konsumatur.*

*(3) Id-dikjarazzjoni ta' kancellament ghandha tkun skond il-formola ta' kif murija fl-Iskeda I li tinsab ma' dan l-Att. Il-Formola ta' Kancellament ghandha tinhemez mal-kopja ta' l-iskrittura privata li tinzamm mill-konsumatur, u jekk konsumatur jiddeciedi li jikkancella kuntratt maghmul fuq ghatba tal-bieb huwa ghandu jiffirma din il-formola u jikkunsinnaha lil bejjiegh*

[1] Att VII tal-1987.

*bieb b'bieb jew lil min jimpjegah fi zmien hmistax-il gurnata mid-data ta' l-iskrittura privata, jew fi zmien dak il-perjodu itwal li jista' jigi stipulat fl-iskrittura privata."*

Izda bis-sahha tal-emenda li giet introdotta bl-Att XXVI tal-2000. l-artikolu 8 gie sostitwit u l-legislatur adotta pozizzjoni ferm aktar flessibbli ghall-kancellament tal-kuntratti fuq l-ghatba tal-bieb -

*".....(2) It-thassir ta' kuntratt fuq l-ghatba tal-bieb jista' jsir b'kull mod sakemm titwassal sew l-intenzjoni mill-konsumatur lill-bejjiegh bieb b'bieb jew lill-kummercjant li f'ismu l-bejjiegh ikun qieghed jagixxi. It-thassir jista' jsir bil-fomm, permezz ta' messagg bit-telefon jew telefax, jew bil-kunsinna, sew bl-idejn sew bil-posta ordinarja jew registrata fl-indirizz permanenti tal-bejjiegh jew tal-kummercjant bieb b'bieb, ta' avviz ta' formola ta' thassir li tkun iffirmata mill-konsumatur jew minn xi persuna li tkun debitament awtorizzata li tirraprezentah.*

*(3) Tista' tintuza formola ta' thassir fl-ghamla stabbilita fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att minn konsumatur li jkun irid ihassar kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb. Kopja ta' formola ta' thassir ghandha f'kull kaz tkun mehmuza mal-kopja tal-ftehim privat li jinzamm mill-konsumatur. Jekk il-konsumatur ikun irid jaghmel uzu minn dik il-formola ta' thassir huwa jista' jiffirma dik il-formola u jikkunsinnaha lill-bejjiegh bieb b'bieb jew lill-kummercjant li jkun qed jagixxi f'ismu."*

Ghalhekk il-formola ta' kancellament li l-appellanti tant qed jishqu dwarha saret biss mezz wiehed minn diversi modi li bih konsumatur jista' jhassar il-ftehim, u m'hemmx dubju li ghal kancellament l-uzu tal-formola mhux mehtieg anke jekk din ghandha xorta titwahhal mal-kopja tal-ftehim li tinghata lill-konsumatur.

Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

Dan l-aggravju jittratta l-provi li ressqu l-partijiet. L-appellanti lmentaw li:-

*"...... it-tribunal sema x-xhieda tar-rikorrenti u anke tas-salesperson tad-ditta fejn bejniethom qablu illi r-rikorrenti cempel mal-ewwel u ilmenta fuq is-saqqu u kif is-salesgirl tad-ditta anke marret id-data l-ghada biex tipprova tirranga l-affarijiet u qaltilhom biex jaghmlu t-toqob fil-lista tal-injam ta' taht is-saqqu. Ir-rikorrenti xehedu kif insistew kemm mas-salesgirl kif ukoll mar-rapprezentanti ohra tad-ditta biex jiehdu lura s-saqqu u kif hallew dan is-saqqu gos-sallot, mhux uzat, lest ghal min kien ser jiehdu. Fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jinghad illi ma kienx hemm xhieda bizzejjed illi r-rikorrenti ma avzawx li riedu jikkancellaw il-bejgh".*

Min-naha taghha l-intimata argumentat li qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal jekk mhux ghal raguni gravi, u fil-kaz in ezami din ic-cirkostanza ma kinitx tezisti.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:-

*"It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti ma gabux provi konvincenti sabiex iwasslu lit-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi r-rapport sar fi zmien hmistax-il (15) gurnata, u b'hekk jista' jigi kkancellat il-bejgh".*

Hu maghruf li, *"Din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bhala qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura quddiemha stess. Normalment tkun inklinata li tiddisturba tali apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun konvinta li huwa b'dan il-mod biss, li tkun tista' tikkorregi xi ingustizzja manifesta"*[2].

Peress li l-ammont in kwistjoni jaqbez is-somma ta' €1,200, parti ghandha jedd li tappella fil-kazijiet kollha (Artikolu 22 tal-Kap. 378). Fl-atti m'hemmx traskrizzjoni tax-xhieda li nstemghu quddiem it-Tribunal. Minhabba din ir-raguni il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li bhalissa tikkunsidra u tiddeciedi l-aggravju tal-appellanti. Ghalhekk ser ikollha terga' tinstema' x-xhieda mill-gdid.

Ghalkemm l-appellata ssostni wkoll li t-tieni aggravju hu nkompatibbli mal-ewwel aggravju, il-qorti ma taqbilx. Bl-ewwel aggravju l-appellanti pproponew it-tezi li l-bejgh kien null ghaliex ma nghatawx Formola ta' Kancellament. Min-naha l-ohra t-tieni aggravju kien jitratta dwar jekk effettivament kienux ikkancellaw il-bejgh bl-ghoti ta' avviz bil-fomm. Mill-atti jidher li l-posizzjoni tal-appellanti dejjem kienet u baqghet li huma kienu kkancellaw l-ordni bil-fomm (ara avviz tat-talba u rikors tal-appell). Aggravji li fil-fehma tal-qorti m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin.

Ghal dawn il-motivi:-

i. **Tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti.**
ii. **Dwar it-tieni aggravju f'dan l-istadju tordna li jergghu jinstemghu l-provi mill-gdid. Taghmilha cara li bhala xiehda ser jinstemghu biss il-persuni li jissemmew fil-verbali tas-seduti li saru quddiem it-Tribunal.**

**Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.**

Anthony Ellul.

---

[2] **Nazzareno Spiteri et vs Karl Busuttil et** – Nru 1314/2010 deciz mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 2015.